MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 270/2011

**Alfred Borg (K.I. 757153M)**
**vs**

**Martin Curmi (K.I. 559564M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici tablet hlas ta’ elfejn sitt mija u erbatax-il ewro u tmienja u sebghin centezmu (€2,614.78) kwantu ghal elfejn tliet mija u tletin ewro (€2330) ghal zewg skadenzi trimestrali tal-kera ta’ garaxx 37, Triq il-Gallina, Kappara, San Gwann li ghalqu fit-22 ta’ Awissu, 2009, fit-22 ta’ Novembru, 2009 (€1165 kull skadenza) u kwantu ghal mitejn, erbgha u tmenin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€284.78) kontijiet tad-dawl u l-ilma tal-istess garaxx ghaz-zmien li kien minnu okkupat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali, *ai termini* tal-artiklu 166A, tad- 9 ta’ April, 2010 numru 857/10, bl-imghaxijiet legali mill-istess data kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie pprezentat kapitolu fl-4 ta’ Lulju,2011 mill-Avukat Dr Josette Grech u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas milli jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------